

# POTENTIA CORONA

josephfenech409@gmail.com
Ħarġa Nru 23



Qabel, waħdek, ma stajtx. Issa, li dort lejn il-Madonna, biha, qed tara kemm sibtha hafifa!

Agħmel il-qalb. Erġa' lura. Sejħilha lil Marija u tara li int issir leali.

Meta tara l-maltemp riesaq, jekk tfittex il-kenn f'dak il-port sigur li hu Marija, hemm ma jkunx hemm il-biża li titkaxkar mal-mewġ jew li tintilef.

Id-dnubiet kollha ta' ħajtek bħal donnhom qed iqumu kontik. Titlifx it-tama! Għall-kuntrarju, sejjaħ lill-Imqaddsa Omm tiegħek Marija, bil-fidi u l-abbandun ta' tarbija. Hija ġġiblek il-paċi f'qalbek.

Tippermettili nagħtik parir x'għandek tagħmel ta' kuljum? Meta qalbek tħossha tiġbdek lejn dawk ix-xewqat baxxi, lissen bil-mod lill-Verġni Immakulata: Ħares lejja bil-kompassjoni. Tabbandunanix. Tabbandunanix ja Omm tiegħi! U rrakkomanda din it-talba lil oħrajn



## San Josemaria Escrivà

**Fundatur tal-Opus Dei**

Espert dwar kif ngħixu l-qdusija fil-kwotidjanità, jiġifieri, fil-ħajja ta' kuljum.

Ikun x'ikun il-post tiegħek fil-ħajja, fis-soċjeta, hemm Alla jridek issir qaddis. Din hija l-kariżma tal-Opus Dei – kariżma addattata għal żmenijietna.
B'hekk il-lajċi jsiru s-santifikaturi tal-ordni soċjali u jqaddsuh 'minn ġewwa' kif jgħallem il-Konċilju Vatikan II.
Marija taħdem fina dan.

Meta konna żgħar, konna nitgeddsu ma' djul ommna f'xi sqaq mudlam jew meta l-klieb jinbħu għalina. Illum, meta jiġuna t-tentazzjonijiet tal-laħam, għandna niġru lejn Ommna tas-Sema, nafu x'tiswa għalina u nafdaw fiha. Hija tħarisna u tmexxina lejn id-dawl.

San Josemaria Escrivà

ĊERTAMENT, ID-DEVOZJONI LEJN IR-RUŻARJU HUWA MEZZ EĊĊELLENTI BIEX IKOLLNA DAN IL-ĦARSIEN TA' DIN OMMNA TAS-SEMA.

**Ħobb lil Marija u hi takkwistalek abbundanza ta' grazzji biex tgħinek tirbaħ it-taqbida ta' kuljum.**